Minuti tal-laqgħa numru sbatax (17) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 12 ta' Novembru, 2025, fil-Bini Muniċipali tar-Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sur Terrence Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Uffiċjali: | Is-Sur Paul Bugeja | Accountant ( u membru tal-Kumitat tal-Finanzi) |

| | | |
|---|---|---|
| 17.01 | **Qari tal-ittri ta' Apoloġija**<br>Inqraw l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Matthew Chetcuti, l-Viċi Sindku, u tas-Sur Paul Grech, kunsillier u dawn kienu skużati unanimament. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien. | Presedenza u ittri ta' apoloġija |
| 17.02 | **Qari, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sittax**<br>Il-Minuti numru sittax kienu mgħoddija mal-agenda minn qabel, kienu meħuda b'moqrija, kienu kkunsidrati u approvati unanimament wara li tressqu għall-vot mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mis-Sa Charmaine Balzan b'korrezzjoni mis-Sur Nazju Cassar dwar ix-xogħol ta' bankina f'Ħofret ir-Rizz u wkoll mis-Sur Rudolph Grima li kien issekonda lis-Sindku biex is-Sur Kenneth Borg jingħaqad mal-ħaddiema tal-RSSL / Community Works Scheme u jibda jwettaq xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix fiz-zona rurali fir-Rabat. | Minuti 16 |



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

| | | |
|---|---|---|
| 17.03 | **Ċedola tal-Pagamenti 375**<br>Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 375, kienet approvata unanimament. | Ċedola tal-pagamenti numru 375 |
| 17.04 | **Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru tnejn u disgħin (92)**<br>Iċ-ċedola tax-xiri, xogħlijiet u servizzi numru tnejn u disgħin (92) kienet approvata unanimament wara li kienet magħżula l-AED f'item 8, ta' Sidroc Services Ltd u kienu skartati dawk ta' OK Medical (item 6) u Trio med (item 7). L-ispejjeż tagħha se jkunu irkuprati mir-Reġjun Punent. | Ċedola tax-xiri, xogħlijiet u Servizzi numru 92 |
| 17.05 | **Proposta Bye-Law – Keeping Rabat Clean**<br>Dan l-ewwel *draft* tal-bye-law minn Dr Richard Sladden kien approvat fil-prinċipju b'vot unanimu wara li kien imressaq mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondat mis-Sa Charmaine Balzan. Madankollu din il-bye-law se tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss anke biex ikunu stabbiliti il-piż tal-klieb f'(Part II) Rules relating to dogs, (2) u timtela' is-Second Schedule (Public places within the locality wherein the feeding of cats is permitted). Is-Sa Graziella Brincat qalet illi tajjeb li jkun infurmat l-Office of the Commissioner for Animal Welfare qabel mal-bye-law tkun għad-diskussjoni tal-pubbliku. | Bye-law |
| 17.06 | **Proposta biex vetturi kbar (għoljin) ma jkunux permessi f'zoni UCA**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar din il-proposta wara li xi residenti minn Triq San Pawl reġgħu laqtulhom il-gallarija b'vetturi goffi aktarx tad-*delivery*. Dawn il-vetturi għoljin spiss qed jagħmlu ħafna ħsara mhux biss fuq il-proprjetà privata, iżda wkoll fuq il-bankini ta' diversi toroq dojoq speċjalment ta' Triq il-Kbira, Triq il-Katakombi, Triq Santu Wistin, Triq San Ġużepp eċċ. Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq l-ittra li ntbgħatet lis-sidien tal-ħwienet mil-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jinfurmaw lil min iġibilhom ix-xogħol biex ma jidħlux fil-qalba tar-Rabat b'vetturi goffi. Sadanittant, kienu żewġ stabbilimementi tal-ikel li kkontestaw din l-ittra li kienu imsemmija fil-laqgħa u t-talba tal-Kunsill għal dan it-tibdil saret lil Transport Malta.<br><br>Dwar dan il-proġett is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li rridu nagħmlu sensiela ta' laqgħat mas-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel biex anke niftehmu l-ħin li fih se jkunu jistgħu jagħmlulhom id-*delivery*.<br><br>Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar il-bżonn illi t-trakkijiet tal-ġebel u tal-konkos jibdew jgħaddu mill-*by-pass* tal-Imtarfa biex nevitaw traffiku żejjed fis-Saqqajja u fejn ir-Roman Villa. Din il-proposta | Vetturi għoljin ikissru r-Rabat |

| | | |
|---|---|---|
| | kienet issekondata mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u approvata b'vot unanimu. | |
| 17.07 | **Proposta biex jinxtara Garage u jittieħed loan**<br>Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus spjega illi wara li ngħatajna il-makni tat-tindif mid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni, issa mtela' l-garage tal-Kunsill li oriġinalment kellu jservi ta' uffiċċju li fih biss hemm ir-rampa għal barra. Għaldaqstant, qed jinħass il-bżonn li nikru garage ieħor minflok dak li fil-passat kien qed jinkera' tas-Sur Tanti. Is-Sur Nazju Cassar qal illi nistgħu nesploraw li jinxtara/jinkera container li jitpoġġa fuq art pubblika, li kienet identifikata wkoll biex impoġġu l-affarijiet fih u ma nħallsu għall-ebda' garage. Madankollu l-KLR se jibqa' jfittex biex jekk niltaqgħu ma' proprjetà b'valur għal flus, ninvestu fiha. Dan wara li t-tenders tal-garage li kienu ħarġu huma għoljin ħafna u sadanittant issa ilna sena li qed nużaw il-garage tas-Sur Mario ta' Santu fi Triq Bir ir-Riebu. Wieħed irid iqis illi qed nużaw il-*garages* dilapidati ta' Għajn Qajjet ukoll. | Garage |
| 17.08 | **Isem ta' triq ġdida viċin Triq ix-Xagħra ta' Ġirad**<br>Se jinstab isem ieħor għal din it-triq fuq rakkomandazzjoni tat-Taqsima tat-Tismija tat-Toroq Ġodda. | Triq ġdida |
| 17.09 | **Trasferiment tal-Vacation Leave ta' Naiomi Bugeja Micallef u ta' Caroline Farrugia**<br>Kienu esebiti t-talbiet tal-impjegati fejn applikaw biex iġeddu l-Vacation Leave ta' din is-sena għas-sena 2026. Dawn kienu approvati unanimament. Naiomi Micallef talbet ukoll biex tagħmel użu minn *leave* tal-maternità li kien ukoll approvat. | Leave |
| 17.10 | **Pjanti (indoor plants) għall-uffiċċju**<br>Kien deċiż li jinxtraw pjanti friski biex inkomplu nsebbħu l-uffiċini tal-Kunsill. | Pjanti |
| 17.12 | **Ftehim mal-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl dwar arbli tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**<br>Kien approvat il-ftehim mal-Kumitat Festi Esterni, Corpus Domini u San Pawl biex din is-sena jintużaw l-antarjoli ħalli jiddendlu d-dekorazzjonijiet tal-Milied mil-kuntrattur tal-Kunsill, f'diversi toroq fir-Rabat. Kien approvat wkoll aktar kmieni, x-xiri ta' żewġ siġar tal-Milied artifiċjali biex jitpoġġew f'postijiet pubbliċi mingħand Paul (Bargain Teleshoping). Dawn kienu verament issussidjati wara li l-istabbiliment kien għalaq sena ilu b'rispett kbir lejna peress li hu eks kunsillier. | Dekorazzjoni jiet tal-Milied |
| 17.13 | **Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2025** | Q3 Rapport Finanzjarju |



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

| | | |
|---|---|---|
| | Ir-rapport finanzjarju kien ipprovdut lill-kunsillieri mal-agenda u dan kien ikkunsidrat u approvat b'vot unanimu wara li tressaq għal vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondat mis-Sa Charmaine Balzan u spjegat f'*power point show* li qed titqies ukoll bħala dokument tal-agenda magħmul mis-Sur Paul Bugeja. Ir-rapport jindika illi f'dan il-kwart il-Kunsill għamel *surplus* sostanzjali u tejjeb il-*Finanicial Situation Indicator (FSI)*. | |
| **17.14** | **Punti Oħra** | |
| 17.14.01 | Is-Sur Nazju Cassar talab biex jintensifika l-knis fuq il-belveder ta' Għar Barka minħabba li hemm ħafna żebbuġ imwaqqa' mis-siġar t'hemmhekk. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li għall-ewwel darba, din is-sena rnexxielna niġbru ammont ta' żebbuġ li ttieħed għall-għasir u kien imsarraf f'żejt taż-żebbuġa. Dan sar bil-parteċipazzjoni tar-Reġjun Punent. | Żebbuġ |
| 17.14.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-problema tal-parkeġġ għax issa tant hija akuta fir-Rabat. Hu qal illi rridu naraw kif ninvestu f'sit (possibilment għalqa) biex tal-inqas ir-Rabtin ikollhom fejn jipparkjaw. Kien hemm diskussjoni dwar is-sistema tar-residential parking bħal dak li ingħataw permess għalih fi rħula oħra bħall-Furjana u l-Gudja. Is-Sur Nazju Cassar qal illi jekk ninvestu f'parkeġġ irridu nieħdu l-art f'forma ta' devoluzzjoni biex kull min jipparkja fiha jħallas u l-Kunsill iżomm dan id-dritt biex imantni l-istess sit. | Parkeġġ |
| 17.14.03 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-kunsillieri biex ma jsibux oġġezzjoni biex il-ħaddiema jagħmlu sett uniformijiet ġodda. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan. | Uniformi |
| 17.14.05 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa' lill-kunsillieri illi kellu jniżżel il-mobile app sabiex ikunu jistgħu jiġu ċċarġjati il-vetturi tal-Kunsill minn Public Access Point. Ma kienx hemm oġġezzjoni biex jiġi rifondut tal-ispejjeż li se jinqatgħu minn fuq il-card bankarju tiegħu. | ChargeMyRide |
| 17.14.06 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-programm li se jkun qed jixxandar dirett fuq il-PBS bl-isem Bonġu Malta. Is-Sindku talab lill-kunsillieri biex jieħdu ħsieb il-ko-ordinament ta' dan il-programm, iżda ħadd ma jista' jagħti daqqa t'id dak in-nhar. Sadanittant, se tissejjaħ laqgħa għal nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru fis-6.00pm biex niltaqgħu mal-istakeholders u naraw min se jkun jista' jipparteċipa fil-programm Bonġu Malta li se jsir nhar l-14 ta' Diċembru, 2025. | Bonġu Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 17.14.07 | Is-Sur Nazju Cassar qal illi x-xogħolijiet li kienu skedati fuq il-bankini f'Tal-Virtù, issa tlestew b'sodisfazzjon mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Madankollu, sfortunatament intlaqtet faċċata ta' persuna u din qed titlob illi jirranġawhiela. Kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill iwettqilha din il-manutenzjoni f'Panorama, Triq Pietru Caxaru. | Faċċata milquta f'Tal-Virtù |
| 17.14.08 | Is-Sur Terrrence Sant tkellem fuq faċċata oħra li intlaqtet fi Triq Santa Barbara. Għall-bidu konna qed naħsbu li din intlaqtet bl-inġenji tal-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ta' *resurfacing* tat-triq. Madankollu issa kien stabbilit illi l-ħsara seħħet mil-Korporazzjoni Enemalta meta marru biex iwaħħlu lampa ġdida mingħajr ma kien jaf l-istess sid. | Faċċata milquta fi Triq Santa Barbara |
| 17.14.09 | Is-Sur Terrence Sant semma' l-parkeġġi li saru b'sempliċi sinjal twil mingħajr diviżorji minn Infrastructure Malta fi Triq Sammy Abela. Hu qal illi kulħadd qed jipparkja 'l bogħod mill-karozza ta' ħdejħ b'tali mod illi vettura oħra ma tidħolx u għaldaqstant ikun hemm ħafna ħela ta' spazju. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qabel perfettament u qal li se nqabbdu kuntrattur sabiex jagħmel dawn id-diviżorji. Is-SE qal li minn fuq googlemap wieħed jista' jara kif kienu biex isiru bħalma kienu qabel ma bdiet tinqala' t-triq. | Ħela fl-ispazju tal-parkeġġi |
| 17.14.10 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq pubblikazzjoni tas-Sur Aiden Glanville bit-titlu *It's not a drill* li qed jinbiegħ għal €10 u l-qliegħ se jmur għal Puttinu. Hu talab biex il-Kunsill jisponsorja 15-il ktieb billi jixtrihom. Ma kienx hemm oġġezzjoni mil-kunsillieri u fl-istess ħin min irid jixtri minnhom dawn se jkunu disponibbli. | It's not a Drill |
| 17.14.11 | Is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-każ imniżżel fil-minuti tal-Kunsill f'punt 10.13.01 tad-9 ta' April, 2025 dwar l-iżvilupp ta' Lukanda fi Triq Gorg Borg Olivier. Hu qal li l-KLR reġa' għamel l-oġġezzjoni tiegħu mal-Awtorità tal-Ippjanar u minkejja li anke r-rapport tal-*Case Officer,* li mhux qed jipproponi li tkun approvata, hu xorta waħda qed jipproponi li jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, 2025 mar-residenti ta' din it-triq li qed joġġezzjonaw għal din il-lukanda. | Lukanda fi Triq Gorg Borg Olivier |
| 17.14.12 | Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet dwar il-laqgħa li kienet proposta biex fiha niddiskutu t-*traffic management* ta' Għar Barka u l-każ tas-Sur Raphael Carabott fejn kien maqlugħ ukoll l-Avukat Richard Sladden nhar id-29 ta' Ottubru. Hija qalet illi peress li ma kienx hemm quorum mhux tajjeb li joqgħod jinqala' l-avukat biex jagħti l-parir tiegħu u imbgħad ma jsibx sapport. | Nuqqas ta' Kworum |



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*

| | | |
|---|---|---|
| 17.15 | **Data u ħin tal-laqgħa li jmiss**<br>Din il-laqgħa ntemmet fis-7.55 u dik li jmiss se ssir nhar l-10 ta' Diċembru, 2025 fil-5.00pm. | Aġġornamen t |

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 10 ta' Diċembru, 2025 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt*